

Brussell, 10 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14182/24

ENFOPOL 393
ENFOCUSTOM 117
ENV 977
CRIMORG 125
COPEN 441
JAI 1461

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	10 ta' Ottubru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13761/1/24 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali transfruntiera – Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Ottubru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali transfruntiera, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4049 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Ottubru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali transfruntiera**Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. Ir-reati ambjentali għadhom waħda mill-aktar attivitajiet illegali li jħallu qligħ, filwaqt li jippreżentaw theddida kbira għas-sikurezza taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri tal-Ewropa u tad-dinja, permezz tal-ħsara sinifikanti u l-qerda intenzjonata tal-ambjent għal gwadann finanzjarju illegali. Il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali hija essenzjali fil-protezzjoni tas-sikurezza taċ-ċittadini, madankollu, minkejja l-interessi kbar involuti, dan it-tip ta' kriminalità mhux dejjem jingħata biżżejjed prijorità. Filwaqt li l-kriminalità ambjentali hija waħda mill-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata implimentati mill-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT)¹, il-partijiet ikkonċernati kollha ma impenjawx ruħhom bl-istess livell meta mqabbel ma' oqsma prijoritarji oħra tal-kriminalità.
2. X'aktarx l-iskala tat-theddida mhux ser tonqos fuq perjodu ta' żmien medju, partikolarment sakemm is-suq vulnerabbli u l-opportunitajiet li faċilment irendu l-flus jibqgħu aċċessibbli għall-kriminali.
3. Minħabba t-tip ta' theddid ippreżentat, huwa meħtieġ approċċ komprensiv għall-kriminalità ambjentali. Din il-forma ta' kriminalità, fuq skala kbira, bħalissa qed tolqot serjament l-ekosistemi, is-saħħa u l-għajxien tan-nies, is-sigurtà u l-istat tad-dritt. Ir-reati ambjentali jikkawżaw ukoll ħsara ekonomika sinifikanti, inkluż billi jdgħajfu s-suq rilevanti billi jesponuh għal kompetizzjoni inġusta ma' operaturi illegali, b'mod partikolari fl-immaniġġjar tal-iskart. Parti kbira minn dan is-settur qed tiġi kkontrollata minn networks kriminali u spiss huwa assoċjat ma' forom oħra ta' kriminalità serja, korruzzjoni, ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

¹ 7101/23.

4. Ir-reati li jolqtu l-ambjent ikopru ħafna forom ta' mġiba illegali, u dawn jinkludu, pereżempju, it-traffikar illegali tal-iskart, l-injam ippreparat, l-organiżmi selvaġġi, inkluż fost l-oħrajn il-flora u l-fawna u l-prodotti tagħhom, bħal-laħam tal-annimali selvaġġi; it-traffikar tal-minerali, il-metalli prezzjużi u l-estrazzjoni illegali, kif ukoll kwistjonijiet emerġenti oħra, bħall-frodi fit-tranżizzjoni tal-enerġija u l-immaniġġjar illegali tal-iskart; flimkien ma' ksur ieħor li jolqot l-ambjent, meta jkunu definiti bħala reati bħal tniġġis, nirien fil-foresti fuq skala kbira kkawżati illegalment, reati li jikkawżaw l-eżawriment tar-riżorsi tal-ilma jew reati kontra speċijiet protetti tal-baħar².
5. Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej³, li għandhom ambjent naturali eċċezzjonali u partikolarment fraġli u li jiffaċċaw firxa wiesgħa ta' theddid, jeħtieġ li jingħataw l-istess livell ta' protezzjoni bħat-territorju ewlieni tal-UE.
6. Il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u l-azzjoni effettiva li tittieħed kontriha jistgħu jnaqqsu l-implikazzjonijiet tal-kostijiet marbutin mat-tiswija tal-ħsara ambjentali u mal-indirizzar tal-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem, pereżempju fil-każ ta' skart mormi illegalment, li jinvolvi kostijiet konsiderevoli għall-Istati Membri.
7. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali⁴.
8. F'Lulju 2020, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, ippreżentata mill-Kummissjoni, identifikat il-kriminalità ambjentali bħala negozju illegali bi profitti dejjem jiżdiedu li jiġi sfruttat min-networks kriminali, li kien jeħtieġ azzjoni ulterjuri.

² Pereżempju, dawk imsemmija fil-premessa 8 tad-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali.

³ Reġjuni ultraperiferiċi denominati: Guadeloupe, il-Guyana Françiza, Réunion, Martinique, Mayotte u Saint-Martin (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja). U l-istatus ta' pajjiż u territorju ekstra-Ewropew jikkonċerna 13-il pajjiż u territorju li jappartjenu għal tlieta mill-Istati Membri tal-Unjoni: id-Danimarka, Franza, u n-Netherlands.

⁴ 15412/16.

9. F'April 2021, l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 enfasizzat l-effetti dannużi tal-kriminalità ambjentali fuq il-bijodiversità, is-saħħa u l-koeżjoni soċjali fl-UE u f'pajjiżi terzi; u appellat għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-infurzar fil-livell nazzjonali u tal-UE. Din l-istrateġija ġiet ikkomplementata b'sett komprensiv ta' azzjonijiet prijoritarji fil-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata għall-perjodu 2024-2025 li jiffoka fuq erba' oqsma ta' prijorità għal azzjoni akbar: it-tisħiħ tar-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi, l-eliminazzjoni tal-istrutturi u l-mudelli kummerċjali tagħhom billi jiġu ssekwestrati u kkonfiskati l-profitti tagħhom, l-implimentazzjoni tal-approċċ amministrattiv għall-prevenzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali.
10. F'Mejju 2021, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata għall-EMPACT 2022-2025⁵. Waħda minn dawn il-prijoritajiet hija li jiġu sfrattati networks kriminali involuti fil-forom kollha ta' kriminalità ambjentali, b'fokus speċifiku fuq it-traffikar tal-iskart u tal-organiżmi selvaġġi, kif ukoll fuq networks kriminali u intraprendituri kriminali individwali b'kapaċità li jinfiltraw strutturi kummerċjali legali f'livell għoli jew li jistabbilixxu kumpaniji tagħhom sabiex jiffaċilitaw ir-reati tagħhom.
11. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat il-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi⁶, li jiddeskrivi miżuri konkreti, li jkopru l-prevenzjoni, l-iżvilupp politiku u leġislattiv, l-infurzar u l-kooperazzjoni internazzjonali, biex jiġi miġġieled dan ir-reat. Huwa importanti li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tiegħu.
12. L-isforzi biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali għandhom jittejbu, filwaqt li jibnu fuq ir-riżultati tal-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali (OAPs) dwar il-kriminalità ambjentali fi ħdan l-EMPACT u fid-dawl tar-riżultati tat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar il-kriminalità ambjentali.

⁵ 8665/21 u 7101/23.

⁶ 14718/22.

13. Id-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali⁷ daħlet fis-seħħ f'Mejju 2024 u tadotta approċċ komprensiv rigoruż u dettaljat għar-reati ambjentali. Hija tkabbar il-lista ta' reati li għandhom jiġu stabbiliti bħala reati fil-liġi nazzjonali u tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-pieni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi u dwar it-tisħiħ tal-katina tal-infurzar, inkluż il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fl-Istati Membri u bejniethom. Konvenzjoni ġdida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali⁸ hija mistennija li tiġi ffinalizzata fir-raba' trimestru tal-2024 u tinfetaħ għall-iffirmar fl-ewwel trimestru tal-2025.
14. Ir-Regolament il-ġdid dwar Vjeġġi ta' Skart⁹ fih dispożizzjonijiet importanti ġodda dwar l-infurzar kontra vjeġġi illegali ta' skart, inkluż dwar l-ispezzjonijiet, il-penali u l-kooperazzjoni.
15. Sabiex jiġi żgurat li n-networks kriminali moħbijin wara t-twettiq ta' reati ambjentali jinżammu responsabbli fil-prattika, huwa importanti li jkomplu jissaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u lil hinn minnhom.

⁷ Id-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/KE, ĠU L, 30.4.2024 (id-"Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali").

⁸ Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172, 9.11.1998).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006, ĠU L, 30.4.2024.

16. Id-dimensjoni tranżnazzjonali tar-reati ambjentali mwettqa min-networks kriminali teħtieġ it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri kif ukoll ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, u sħab pubbliċi u privati oħrajn, filwaqt li jitqiesu, pereżempju, l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima¹⁰ u tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal tal-2022¹¹. L-UE għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni fuq livell bilaterali mal-pajjiżi terzi interessati. L-UE għandha tippromwovi kooperazzjoni akbar bejn l-aġenziji u l-korpi internazzjonali li jitrattaw il-kriminalità ambjentali (pereżempju l-Interpol, il-UNODC, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali¹², u ftehimiet ambjentali multilaterali bħall-Konvenzjoni ta' Basel). F'Novembru 2010, id-WCO, is-Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), l-Interpol, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Bank Dinji, waqqfu l-Konsorzju Internazzjonali dwar il-Ġlieda kontra l-Kriminalità fil-Ħajja Selvaġġa (ICCWC), biex jingħata aktar appoġġ lill-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi dwar l-organiżmi selvaġġi kif ukoll lin-networks reġjonali u subreġjonali li jiġġieldu kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi (jiġifieri l-fawna u l-flora). F'Marzu 2024, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Ekoloġika¹³ appellaw għal kooperazzjoni globali msaħħa biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali internazzjonali, filwaqt li ssottolinjaw l-importanza li tiġi implimentata t-taqsimha tal-Pjan ta' Azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi relatata mat-tisħiħ tas-sħubija globali bejn il-pajjiżi tas-sors, tal-konsumatur u ta' tranżitu.

¹⁰ Nazzjonijiet Uniti, 2015, Il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, disponibbli fuq: https://unfccc.int/sites/default/files/english_paris_agreement.pdf.

¹¹ Nazzjonijiet Uniti, 2022, Deċiżjoni adottata mill-konferenza tal-partijiet għall-konvenzjoni dwar id-diversità bijoloġika (il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal), disponibbli fuq <https://www.cbd.int/doc/decisions/cop-15/cop-15-dec-04-en.pdf>.

¹² Żewġ operazzjonijiet internazzjonali ewlenin tal-infurzar tal-liġi fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) huma l-Operazzjoni Thunder (li tindirizza l-kriminalità marbuta mal-forestrija u mal-organiżmi selvaġġi) u l-Operazzjoni Demeter (li tindirizza t-traffikar illegali tal-iskart u tas-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu), li jinvolvu uffiċjali tad-dwana, tal-pulizija, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ambjent, tal-organiżmi selvaġġi jew tal-forestrija madwar id-dinja. Bis-saħħa ta' dan l-approċċ globali, dawn l-operazzjonijiet kull sena qed ikunu ta' suċċess fir-rigward tal-każijiet irrapportati.

¹³ 7865/24.

17. Fil-21 ta' Novembru 2023, ġew adottati l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew (ALK)¹⁴ li fihom il-Kunsill jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-UE u l-ALK dwar il-ġustizzja u s-sigurtà fil-livelli kollha bħala kwistjoni ta' prijarità biex jiġu indirizzati d-diversi sfidi u dejjem aktar sinifikanti maħluqa mill-kriminalità organizzata tranżnazzjonali li jħallu impatt negattiv fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Dawn l-isfidi jinkludu, fost oħrajn, il-kriminalità ambjentali.
18. Hemm ukoll lok għal konsultazzjoni aktar effettiva mal-Interpol u kontribut attiv għaliha u mal-gruppi ta' ħidma attivi tal-Kumitat għall-Konformità u l-Infurzar Ambjentali tal-Interpol, grupp li jiffoka fuq il-ħsara għall-ambjent naturali u l-organiżmi selvaġġi, ieħor fuq ir-reati marbutin mal-forestrija u ieħor fuq it-tniġġis ambjentali, kif ukoll konsultazzjoni mal-programm ambjentali tad-WCO.
19. Diversi networks internazzjonali, Ewropej u reġjonali¹⁵ wettqu ħidma fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali b'objettivi strateġiċi jew operazzjonali, inkluż in-Network Ewropew kontra l-Kriminalità Ambjentali (EnviCrimeNet), in-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent (ENPE), in-Network tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali (IMPEL) u l-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent (EUFJE). Ir-rwol ta' dawn in-networks huwa kruċjali għall-iskambju ta' prattiki tajbin u għall-iżvilupp ta' għodod innovattivi biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali transfruntiera. Il-ħiliet speċifiċi għas-settur ta' dawn in-networks għandhom jintużaw bl-aħjar mod biex jiġi żviluppat rispons operazzjonali u strateġiku kontra l-kriminalità ambjentali.

¹⁴ 15737/23.

¹⁵ Dawn in-networks jinkludu l-Inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar il-konservazzjoni ta' ħames foresti kbar ta' Mesoamerica, in-Network ta' prosekuturi dwar ir-reati ambjentali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku (ENPRO) u n-Network JAGUAR, li jservi wkoll bħala pjattaforma għall-kooperazzjoni tal-pulizija bejn il-pajjiżi fl-Amerka Latina u l-Istati Membri tal-UE.

20. Il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali teħtieġ kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali mill-qrib bejn ħafna atturi: l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-korpi amministrattivi, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet doganali, l-NGOs u s-sħab privati li jkollhom responsabbiltà ta' gwardjani tas-soċjetà fejn jidħol kemm l-ippjanar strateġiku kif ukoll l-azzjoni operazzjonali. Jeħtieġ li jiġu żviluppati wkoll sinerġiji mal-assoċjazzjonijiet ambjentali rilevanti, li spiss ikunu fl-ewwel linja fejn tkun ikkonċernata l-ħsara ambjentali, u mas-soċjetà ċivili. Il-pubbliku ġenerali għandu jsir aktar konxju tar-rwol u l-potenzjal tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u għandu jiġi mħeġġeġ jirrapporta indikazzjonijiet ta' reati ta' dan it-tip lill-awtoritajiet kompetenti.
21. Azzjoni aktar effettiva tal-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam, u fejn ikun hemm bżonn appoġġata minn operazzjonijiet u għodod investigattivi diskreti, hija utli biex jiġu żgurati l-indirizzar effettiv tan-networks kriminali u investigazzjonijiet immirati, il-kxif, kif ukoll l-iskambju rapidu ta' informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali intensiva, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu segwiti l-flus u l-isfidi relatati mal-abbuż tal-ispazju online mill-kriminali.
22. Biex azzjoni tirnexxi kontra din it-theddida hija teħtieġ ukoll fehim u mmappjar ċari tat-theddida, li huma punti ta' tluq essenzjali biex jiġu stabbiliti prijoritajiet strateġiċi, u għarfien aġġornat u speċifiku tal-atturi involuti, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli settorjali li jistabbilixxu l-qafas regolatorju. Għalhekk, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji li jkunu mħarrġa sew huma kruċjali biex il-kriminalità ambjentali tiġi miġġielda b'suċċess.
23. L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu miżuri effettivi u jipprovdu livell xieraq ta' għodod u riżorsi bħar-riżorsi umani, il-kapaċitajiet tal-laboratorji u t-teknoloġiji analitiċi neċessarji, u l-analiżi tal-liċenzji f'dan il-qasam, u f'dawk il-kuntesti jirrikjedu wkoll kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE. L-investigazzjonijiet tar-reati ambjentali xi drabi jirrikjedu investigazzjonijiet fil-fond bl-użu ta' metodi xjentifiċi, il-kampjunar u l-ittestjar ta' sustanzi (pereżempju sustanzi kimiċi jew likwidi kkuluriti) biex tinkiseb evidenza kontra kriminali ambjentali f'qasam ta' importanza kritika u speċjalizzat. Huma meħtieġa xjenzati u esperti tekniċi speċjalizzati biex tinġabar din l-evidenza.

24. L-inizjattivi meħuda f'dawn l-aħħar snin biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali għandhom jiġu rikonossuti. Peress li l-kriminalità ambjentali saret prijorità tal-EMPACT (2018-2021; 2022-2025), l-Europol stabbiliet Proġett ta' Analiżi li jitratta l-kriminalità ambjentali u appoġġat lill-Istati Membri fl-investigazzjonijiet kriminali tagħhom rigward il-fenomeni kollha marbuta mal-kriminalità ambjentali. L-Europol hija wkoll komexxej tal-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali rilevanti tal-EMPACT u tipproduċi rapporti dwar il-kriminalità ambjentali¹⁶.
25. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jaqdi rwol attiv fil-ġlieda kontra l-frodi ambjentali u jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet doganali biex jappoġġa investigazzjonijiet transfruntieri u biex jikkoordina jew jieħu sehem f'operazzjonijiet doganali konġunti f'dan il-qasam.
26. Anki l-Eurojust taqdi rwol kruċjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. Għandha esperjenza estensiva fit-trattament ta' każijiet ta' reati ambjentali transfruntieri li jiġu riferuti lill-aġenzija, inkluż billi tiffaċilita l-laqgħat ta' koordinazzjoni, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni u tappoġġa l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK). Il-Eurojust tipproduċi rapporti dwar każijiet bħal rapport dwar il-każijiet relatati mal-kriminalità ambjentali biex tenfasizza l-ostakli fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u biex tikkondividi l-aħjar prattiki. Dak ir-rapport jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-importanza tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fil-livell nazzjonali, l-għadd żgħir inadegwat ta' każijiet ta' reati ambjentali riferuti għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ġudizzjarji fil-livell Ewropew u internazzjonali, u s-sinifikanza tad-diffikultajiet fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera li jirriżultaw minn differenzi fil-kunċetti legali u fil-pieni li jirrigwardaw ir-reati ambjentali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.
27. Id-diġitalizzazzjoni tal-komunikazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tista' tikkontribwixxi wkoll b'mod sinifikattiv għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

¹⁶ Bħar-rapport reċenti dwar "Il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali: Theddid u sfidi ewlenin" (Combating environmental crime: Key threats and challenges, 9251/24).

28. L-aċċess għal għodod investigattivi speċjali bħal sorveljanza u għodod investigattivi diskreti (intelligence umana) fil-għieda kontra l-kriminalità ambjentali serja jew organizzata mhux dejjem ikun disponibbli għall-Istati Membri, li l-biċċa l-kbira tagħhom għandhom biss għodod investigattivi standard għad-dispożizzjoni tagħhom. Dan jillimita l-effettività fil-għieda kontra n-networks kriminali u jxekkel il-kooperazzjoni transfruntiera, pereżempju meta s-sorveljanza ordnata fi Stat Membru wieħed ma tkunx tista' titkompla jew tiġi ssupplimentata fi Stat Membru ieħor ikkonċernat¹⁷.
29. Attenzjoni partikolari tingħata lill-proċessi li jwasslu għall-forom tipiċi ta' reati ambjentali fis-settur tan-negozju, li jistgħu jiġu evitati u mtaffa b'mezzi amministrattivi li jiġġieldu l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari billi jiġu applikati sistemi ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-klijenti, bl-esklużjoni tal-kiri ta' bini.
30. Mhux l-imħallfin, il-prosekuturi u l-investigaturi kollha jista' jkollhom l-għarfien espert speċjalizzat biex jiffaċilitaw l-investigazzjoni effettiva tar-reati f'dan il-qasam.
31. Għandha ssir enfasi fuq l-importanza li jiġi pprovdut taħriġ adegwat bħala rispons biex tittejjeb il-kapaċità tal-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali u reati relatati, u fuq il-prijorità li jsir investiment fl-iżvilupp ta' portafoll ta' taħriġ dwar ir-reati ambjentali kif ukoll dwar il-ħasil tal-profitti illeċiti tagħhom biex jiġu żviluppati l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa mill-komunità tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi u l-ġudikatura Ewropej.

¹⁷ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/915 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi.

Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri:

32. Jittrasponu fi żmien xieraq id-Direttiva l-għdida dwar ir-Reati Ambjentali. Waqt li d-Direttiva tkun qed tiġi trasposta, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-formulazzjoni tar-reati u l-miżuri l-għodda biex jiġu indirizzati l-isfidi għall-infurzar tal-liġi. Għandha titqies il-possibbiltà li jiġu skambjati minn qabel l-aħjar Prattiki eżistenti u l-esperjenzi biex jgħinu jistabbilixxu livell ekwivalenti ta' protezzjoni.
33. Ifittxu li jadottaw fil-pront strateġiji nazzjonali u jistabbilixxu fil-pront mekkaniżmi nazzjonali effettivi ta' koordinazzjoni u ta' kondivżjoni tad-data li jkollhom kapaċitajiet xierqa prinċipalment fil-għbir tal-intelligence u fl-istatistika. F'dak il-kuntest, jiffaċilitaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-ispeċjalizzazzjoni tal-persunal rilevanti tal-korpi involuti f'dawk il-mekkaniżmi, inkluż billi jintegraw taħriġ dwar il-kriminalità ambjentali fil-kurrikuli nazzjonali tal-akkademji u l-iskejjel ta' taħriġ rilevanti.
34. Jippromwovu l-ispeċjalizzazzjoni volontarja u jiffaċilitaw l-investigazzjoni effettiva tar-reati f'dan il-qasam, jikkunsidraw l-iżvilupp ta' proċeduri xierqa biex daww il-kapaċitajiet speċjalizzati jkunu disponibbli fi żmien xieraq biex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u daww ġudizzjarji. Meta tiġi promossa tali speċjalizzazzjoni, għandhom jiġu rrispettati l-indipendenza u l-awtonomija tal-ġudikatura u tal-prosekuturi.
35. Meta jkunu qed imexxu l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali transfruntieri ta' natura organizzata, jinkoraġġixxu, fejn xieraq, l-isfruttament sħiħ tal-opportunitajiet offruti mill-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta ffaċilitati mill-Eurojust, u min-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE), u jiżguraw il-kundizzjonijiet legali u organizzattivi għal kooperazzjoni ġudizzjarja bla xkiel. Jużaw l-assistenza tal-Eurojust biex jiffaċilitaw u jħaffu l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni u kooperazzjoni fil-livell ġudizzjarju, biex jiżviluppaw strateġiji komuni ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni fi proċedimenti kriminali marbutin jew paralleli, biex jiġu ffaċilitati t-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropej u internazzjonali. B'mod partikolari, jikkunsidraw l-istabbiliment ta' punti fokali nazzjonali u unitajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni, kif ukoll ihegħu taħriġ immirat fi ħdan il-ġudikatura għal daww li spiss jiffaċċaw dawn il-każijiet.

36. Jinċentivaw l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' għodod diġitali u innovattivi biex jippermettu lis-servizzi investigattivi jkunu aktar rapidi u aktar effettivi¹⁸.
37. Jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-fondi disponibbli tal-Unjoni, fosthom il-Fond għas-Sigurtà Interna.
38. B'mod partikolari fil-qafas tal-EMPACT, jikkomunikaw, jidħlu, kull meta jkun hemm bżonn, mal-Istati Membri u mas-sħab mhux tal-UE f'kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi b'karattru verament operazzjonali fit-tweġġ ta' operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi kontra forom transfruntieri ta' kriminalità, jużaw kemm jista' jkun l-istrumenti eżistenti għall-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, u jipproponu u jmexxu kwalunkwe azzjoni operazzjonali meħtieġa fil-pjan ta' azzjoni operazzjonali rilevanti. Dawn l-iskemi jgħinu wkoll biex tingħata l-ispirata meħtieġa għall-promozzjoni tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, li tibqa' prijorità medja għal xi forzi tal-pulizija.
39. Fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali transfruntiera, irawmu kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet doganali, li jaqdu rwol kruċjali fl-identifikazzjoni ta' vjeġġi li jiksru r-regoli ambjentali, u l-awtoritajiet ambjentali f'każ ta' suspetti biex jiddeterminaw jekk ikunux qed iseħħu attivitajiet illeċiti, jinvestigaw il-flussi u jiġġieldu kontra strateġiji biex jiġu evitati r-regoli/il-kontrolli u jiskambjaw informazzjoni fost l-Istati Membri u ma' awtoritajiet oħra (permezz tas-CSW EU-CERTEX jew is-CENcomm, kif xieraq), kif ukoll mal-Kummissjoni (TAXUD u OLAF, permezz tas-CRMS u l-AFIS).

¹⁸ F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu nota tal-proġetti ta' riċerka PERIVALLON u EMERITUS ta' Orizzont Ewropa li għaddejjin bħalissa u li huma ffinanzjati mill-UE, li qed jiżviluppaw għodod biex tingħata stampa mtejbja u komprensiva ta' intelligence tal-kriminalità ambjentali organizzata u li qed ifasslu teknoloġiji ta' kxif ibbażati fuq intelligence ġeospazjali, telerilevament, monitoraġġ online, analiżi, valutazzjoni tar-riskju, u teknoloġiji tal-analitika predittiva biex jappoġġaw il-kapaċitajiet investigattivi għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. Barra minn hekk, qed jiġu żviluppati programmi ta' taħriġ komplementari biex jissaħħu l-kapaċitajiet awtoritajiet tal-infurzar ambjentali.

40. Meta jittrattaw reati ambjentali marbuta ma' vjeggì transkonfinali illeċiti, minħabba r-rwol fundamentali tal-awtoritajiet doganali fil-ġlieda kontra dan il-fenomen, jiżguraw l-użu sistematiku tal-AFIS (is-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi). Filwaqt li din hija l-mezz sigur ewlieni ta' komunikazzjoni għall-awtoritajiet doganali, tista' tintuża wkoll mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk amministrattivi fl-Istati Membri u anke f'pajjiżi terzi. Il-komunikazzjoni permezz tal-AFIS tista' tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet involuti kollha, peress li l-ispezzjonijiet/il-valutazzjonijiet amministrattivi spiss ikunu l-ewwel pass biex jiġi identifikat vjeggì illegali.
41. Jirrakkomandaw l-użu estiż tal-kanali siguri ta' komunikazzjoni li jeżistu, jiġifieri l-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol u, kull meta jkun hemm bżonn, is-Sistema Globali u Sigura ta' Komunikazzjoni tal-Pulizija tal-Interpol [I-24/7], mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (inkluż l-awtoritajiet doganali) li diġà għandhom aċċess għalihom, sabiex tiġi żgurata trażmissjoni rapida u komprensiva tal-informazzjoni operazzjonali dwar każijiet ta' reati ambjentali transfruntieri u, f'konformità mar-Regolament tal-Europol, jinkludu lill-Europol f'dawk l-iskambji, sabiex il-Europol tkun tista' tappoġġa aħjar kemm l-investigazzjonijiet nazzjonali kif ukoll dawk konġunti permezz ta' analiżijiet tal-kwalità u kontroverifiki aħjar.
42. Jimmappjaw it-theddid u jidentifikaw it-theddid ta' prijorità abbażi ta' stampa kredibbli, komprensiva u aġġornata tas-sitwazzjoni, li titlob kondiviżjoni estensiva tal-informazzjoni u ħidma analitika xierqa fost l-Istati Membri u mal-Europol, mal-OLAF u ma' korpi rilevanti oħra bħall-Interpol, id-WCO, is-segretarjati għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) u s-segretarjati għall-konvenzjonijiet ta' Basel, ta' Rotterdam u ta' Stokkolma (MEAs ta' BRS).
43. Sabiex jindirizzaw it-theddida kkonċernata, iqiegħdu enfasi partikolari fuq approċċi amministrattivi possibbli għal din il-forma ta' kriminalità, b'mod partikolari biex jipprevjenu l-korruzzjoni marbuta mat-theddida.

44. Meta jkunu qed jinvestigaw u jmexxu l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali, skont ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u d-dispozzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Irkupru u l-Konfiska tal-Assi¹⁹, iniedu investigazzjonijiet finanzjarji b'mod parallel ma' investigazzjonijiet kriminali biex iħaddmu fil-prattika l-prinċipju "segwi l-flus", speċjalment kontra r-reati ambjentali transfruntieri, bl-għan li jxekklu u jkissru n-networks kriminali responsabbli għall-każijiet individwali. Dan jinkludi tnedija sistematika ta' investigazzjonijiet finanzjarji kif ukoll l-użu ta' għodod xierqa biex jiġu traċċati, identifikati, iffriżati u kkonfiskati b'mod effettiv u rapidu r-rikavat tal-kriminalità u l-proprietà li tirriżulta minn attivitajiet kriminali. Għal dan l-għan, itejbu jew jistabbilixxu kooperazzjoni fuq livell nazzjonali bejn l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja u l-awtoritajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi, billi jaqsmu informazzjoni finanzjarja rilevanti, għarfien u taħriġ dwar ir-riskji u t-tipi ta' attivitajiet illegali relatati ma' reati ambjentali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, bħad-Direttiva dwar l-Irkupru u l-Konfiska tal-Assi.
45. F'konformità mal-liġi nazzjonali, jorganizzaw l-investigazzjonijiet finanzjarji f'sistema biex jidentifikaw iċ-ċirkwit tal-fondi illeċiti u jikkunsidraw l-użu ta' assi kkonfiskati, fejn ikun possibbli u xieraq għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali, pereżempju biex jikkontribwixxu għal miżuri ta' konservazzjoni.
46. Jinkorporaw speċjalisti tal-investigazzjoni diġitali f'unitajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi ddedikati għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali meta jkun hemm bżonn.
47. Huma u jiżviluppaw l-istrateġiji nazzjonali, jinkludu taħriġ għad-disseminazzjoni sussegwenti tal-istrateġija lill-persunal u lill-awtoritajiet rilevanti kollha. Huwa importanti wkoll li ssir enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni, inkluż mal-komunitajiet lokali u ż-żgħażaġh, biex dawn ikunu konxji tal-konsegwenzi tar-reati.

¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, ĠU L 2024/1260, 2.5.2024.

48. Jagħmlu sforzi biex joħolqu, fi sħubija mas-soċjetà ċivili u mas-settur privat, kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex iqajmu l-kuxjenza pubblika, iżidu r-rieda taċ-ċittadini li jiffaċċaw attivitajiet illegali biex jirrappurtawhom u jedukaw lit-tfal biex jagħtu prijorità lis-sikurezza tal-ambjent tagħhom sabiex jiproteġuh.
49. Jieħdu kont tal-aħjar prattiki eżistenti, fejn l-istrutturi nazzjonali jippermettu dan, bħad-Direttorat tal-infurzar tal-liġi għall-ambjent u s-saħħa pubblika (CESAN, il-Ġendarmerija Franċiża) (Franza), iċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Carabinieri f'Sabaudia (l-Italja), l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Intelligence Ambjentali tas-Servizz tal-Protezzjoni tan-Natura tal-Gwardja Ċivili Spanjola (SEPRONA), is-Servizz tal-Protezzjoni tan-Natura u tal-Ambjent (SEPNA) tal-Gwardja Repubblikana Nazzjonali (GNR, il-Ġendarmerija Portugiża) u t-timijiet ta' azzjoni operazzjonali effettivi għad-detezzjoni ta' vjeġġi illegali ta' skart fis-Slovenja, li jużaw approċċ multidixxiplinari, u l-ħtieġa li l-Istati Membri jkollhom kapaċità adegwata fl-organizzazzjonijiet rilevanti kollha.
50. Iqisu l-attivitajiet relatati tan-Network Ewropew għas-Servizzi Teknoloġiċi tal-Infurzar tal-Liġi (ENLETS) dwar is-Sorveljanza Ekoloġika.
51. Fejn xieraq, jikkomunikaw b'mod mifruq dwar każijiet ta' suċċess fil-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali biex ikunu aktar magħrufa l-konsegwenzi ta' azzjonijiet individwali.
52. Iħeġġu l-iżvilupp ta' għodod, b'mod koordinat, biex jitrawwem il-kontroll tal-iskart (kemm fil-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll fil-pajjiżi ta' destinazzjoni), biex l-informazzjoni meħtieġa tkun disponibbli malajr u b'mod effettiv u, jekk ikun hemm bżonn, titqabbel mad-data biex ma jiġix permess it-trasport jew il-ħżin ta' skart li f'xi każijiet ikun perikoluż ħafna, u biex jiġi ddeterminat jekk dawn it-trasporti u l-ħżin ikunx legali.

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex:

53. Tissorvelja mill-qrib l-effettività tal-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali u tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-implimentazzjoni tagħha.
54. Tesplora possibbiltajiet biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali bil-fondi disponibbli u bl-appoġġ tal-aġenziji rilevanti.
55. Tinvolti l-atturi ewlenin tal-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali rilevanti tal-EMPACT meta tkun qed tfassal u timplimenta proġetti biex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tal-isforzi jew trikkib.
56. Tippromwovi l-aħjar prattiki dwar il-koordinazzjoni nazzjonali u tippromwovi l-użu tal-pjattaformi eżistenti tal-Interpol, l-erba' networks (IMPEL, ENPE, EUFJE, EnviCrimeNet) u b'mod partikolari l-pjattaforma tal-Europol għall-esperti kif ukoll il-Eurojust fil-livell tal-prosekuzzjoni biex jissaħħa l-iskambju ta' dawn l-aħjar prattiki.
57. Tkompli u ssaħħa aktar il-kooperazzjoni tagħha man-networks eżistenti ta' prattikanti tal-infurzar ambjentali, bħall-IMPEL (spetturi); l-ENPE (prosekuturi); l-EUFJE (imħallfin); u EnviCrimeNet (pulizija u uffiċjali oħra tal-infurzar); u tippromwovi r-riżultati tal-ħidma tagħhom.

Il-Kunsill jistieden lill-Europol:

58. Tkompli tappoġġa lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE fl-investigazzjonijiet kriminali tagħhom rigward il-fenomeni kollha marbuta mal-kriminalità ambjentali b'attenzjoni speċifika għal sfidi ġodda assoċjati mat-traffikar tal-iskart, il-kummerċ illegali ta' gassijiet fluworurati u sustanzi oħra li jnaqqsu l-ożonu, skemi ta' frodi f'setturi rilevanti għall-ambjent kif ukoll il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, it-traffikar tal-injam ippreparat u tal-organiżmi selvaġġi u reati kontra speċijiet tal-baħar protetti, u dwar il-konsegwenzi fuq is-saħħa pubblika.
59. Tkompli thegġegħ lill-Istati Membri jaqsmu informazzjoni dwar każijiet transfruntieri rilevanti u jikkomunikaw b'mod attiv mal-Europol, fejn xieraq.
60. Issaħħaħ ir-rabtiet tagħha mal-gruppi ta' ħidma attivi u mat-task force tal-Kumitat tal-Interpol dwar il-Kriminalità Ambjentali, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġlieda kontra l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet illegali ta' vjeġġi ta' skart, it-traffikar ta' speċijiet ta' fawna u flora selvaġġi fil-periklu u l-falsifikazzjoni ta' dokumenti użati fil-kummerċ legali tal-oġġetti kkonċernati u l-ħidma mid-WCO.
61. Tesplora soluzzjonijiet possibbli fil-livell tal-UE biex tnaqqas il-frodi tad-dokumenti relatata billi twessa' l-parteċipazzjoni fl-Għan Strateġiku Orizzontali Komuni rilevanti tal-EMPACT.

Il-Kunsill jistieden lill-Eurojust:

62. Tkompli thegġegħ u tappoġġa lill-Istati Membri biex jistabbilixxu Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti f'dan il-qasam.
63. Tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-qafas legali mmirat biex jiġġieled il-kriminalità ambjentali.
64. Taħdem mal-EJTN biex tiżgura li l-linji gwida, l-aħjar Prattiki u r-rakkomandazzjonijiet il-ġodda li jirriżultaw mill-esperjenza ta' ħidma fuq il-każijiet tal-Eurojust u l-leġiżlazzjoni ta' sfond estensiva jkunu disponibbli għall-prosekuturi u l-imħallfin mill-aktar fis possibbli sabiex dawn ikunu ppreparati biex iwettqu ġustizzja effettiva fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

Il-Kunsill jistieden lill-EnviCrimeNet:

65. Ikompli jappoġġa lill-esperti tal-Istati Membri bl-iskambju tal-aħjar prattiki u bil-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.
66. Jagħmel segwitu tal-proġetti, l-inizjattivi tal-UE u r-riċerka fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali f'koordinazzjoni mal-attivitajiet żviluppati fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali tal-EMPACT.
67. Iqiegħed enfasi akbar fuq ir-rwol tal-attivitajiet online u fuq l-aspetti relatati mal-investigazzjonijiet finanzjarji.
68. Jagħti appoġġ lill-pajjiżi biex jistabbilixxu jew jirrieżaminaw l-Istrateġija Nazzjonali Ambjentali tagħhom.

Il-Kunsill jistieden lis-CEPOL:

69. Tkompli tappoġġa l-komunità tal-infurzar tal-liġi tal-UE u tipprovdi kapaċità akbar ta' taħriġ għall-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati ambjentali, filwaqt li tibni fuq il-prijoritajiet ta' taħriġ strateġiku identifikati mill-EU-STNA 2022-2025, f'konformità mal-prijoritajiet identifikati mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u n-Network tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u r-risultati tal-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet ta' Taħriġ Operazzjonali (OTNA) dwar il-kriminalità ambjentali.

Il-Kunsill jistieden lin-Network Jaguar:

70. Iżid l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Amerka Latina, il-Karibew u l-Unjoni Ewropea billi jhegħġeg lill-pajjiżi terzi ta' dawn ir-reġjuni jsaħħu l-kooperazzjoni mal-Europol, ihegħġeg lill-awtoritajiet rilevanti ta' dawn ir-reġjuni jikkooperaw b'mod regolari u attiv abbażi ta' operazzjonijiet koordinati li jkunu ppjanati, iżid l-għadd u jwessa' l-ambitu tal-operazzjonijiet, u jaqsam l-esperjenzi wara l-inċidenti u t-tagħlimiet meħuda.
71. Jappoġġa lill-Kunsill biex iwettaq b'suċċess il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tiegħu dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew adottati fil-21 ta' Novembru 2023 fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.